# XI ANNIMALI LI KIENU JUŻAWHOM FIR-RIMEDJI POPOLARI

### Informazzjoni miġbura minn fomm il-poplu

Guido Lanfranco

**F'ħafna mill-programmi li kelli fuq diversi radjijiet li kellhom il-faċilità tal-phone-ins kont norjenta l-kliem fuq suġġetti li dwarhom jistgħu jgħaddu l-esperjenzi tagħhom semmiegħa anzjani. Irrekordjajt u għamilt traskrizzjonijiet jew ħadt notamenti ta' mijiet ta' interventi, fosthom ħafna dwar il-mediċina popolari jew rimedji mingħajr it-tabib. F'din il-kitba qasira għażilt biss ftit minn dawk li fihom kienu jintużaw annimali jew partijiet minnhom bħala duwa jew rimedju. Dawn li ġejjin qed jidhru fil-kliem dirett tal-informanti.**

**Ġeru**

"Il-mamà, kieku issa għandha mal-mitt sena, kienet tgħid li ġriewi tat-twelid, frieħ, . . Tgħid li kienet ħadet qatgħa kbira u ommha marret takkwistalha żewġt iġriewi u għamlithomlha brodu . . . Għall-meraq tagħhom." *(Mara ta' aktar minn 60 sena, 10-1-1996).*

"Missieri jirrakkonta, . . . Fi tfulitu, . . . Kieku għadu ħaj għandu xi mija u erbgħin sena llum!, . . Darba kellu d-deni u kienu qatlulu ġeru, kelb żgħir, qasmuh min-nofs u qiegħeduh fuq sidru, . . Hekk . . . biex jiġbidlu d-deni. Ġeru qal . ." *(Raġel, Birkirkara, qabel mill-Ħamrun, 17-1-1996) (Normalment kienu jużaw fenek fuq il-marid, imma fuq it-trabi żgħar kienu jippreferu ġeru).*

"Għal xi qatgħa, nisma' lill-mamà tgħid, kienu jsajrulhom brodu tal-ġeru. Niftakarha 'l dik il-mara għax kienet kbira. Lit-tifla tagħha sajritu, u kellha tixorbu bilfors. Għalxejn bdiet twerżaq u tgħajjat 'Marridx nixorbu!' u hi trid tbellagħulha bilfors. Kienet qaltilha qabel li l-brodu kien tal-ġeru. Għax niftakarha jiena, . . . tiġri u twerżaq mal-bitħa kollha għax ma tridx tixrob il-brodu tal-ġeru!" *(Mara, Ħal Tarxien, 22-3-1995).*

*Dan li ġej ma kienx rekordjat imma ktibt notamenti fuq li qaluli.* Għall-marażmu (*) fit-tfal, mara xwejħa kienet tissuġġerixxi li tagħmel ilma jagħli fil-banju u tixħet fih ġeru maskil jekk it-tarbija tkun tifla. Meta l-ilma jibred taħsel lit-tifla fih. Jekk il-marid ikun tifel, l-istess, imma tixħet ġeru femminili fil-misħun jagħli. Wara dan kollu lill-marid tisqih ftit mill-istess ilma. *(Raġel, 10-8-1993). (* Il-marażmu hija debbulizza u telqa ġenerali).*

"Jien anzjana. Darba kien hemm familja ġiet minn Tripli. Konna ħadna qatgħa għax kien waqa' xi ħaġa. U din il-mara li ġiet minn Tripli kellha l-kelba bil-ġriewi, ħadet tnejn minnhom, qatlithom, għamlithom stuffat, u tagħthomlna nikluhom. Ma konniex nafu x'inhuma. . . . Għall-qatgħa . . . Din sajritulna kienet." *(Mara anzjana, 20-7-1993)*

**Fenek**

"Missieri, lil ħija meta kien żgħir, kellu sentejn u kien marid bil-milsa (*) kellu deni qawwi u żaqqu kienet intefħitlu. Kien hemm in-nannu, qatel fenek u, kif kien għadu sħun poġġihulu fuq żaqqu, u d-deni niżillu għax ħadu l-fenek." *(Mara, 14-9-2006). (* Ġieli kienu jgħidulha l-marda tal-biċċa u fil-mediċina bħala Lieshmania).*

**Gremxula**

*Dan li ġej ma kienx rekordjat imma żammejt notamenti dwar dak li qaluli waqt intervista.* Tfal neqsin mill-kalċju kemm-il darba nosservawhom igerrmu xi ġebla jew ġir. F'Għawdex kien hemm mara li kienet taqli tliet gremxuliet biex tfal b'nuqqas ta' kalċju jieklu minnhom. Kienet tħallas tliet ħabbiet 'l waħda lit-tfal li kienu jġibulha gremxula; dawn kienu jaqbduhom bl-ingassa tal-ħafura. *(Tarcisio Scerri, Sliema, tfulitu f'Għawdex, 28-8-1993).*

**Xaħmet l-art**

"Lil missieri darba, bi żball (*għax ħasbuh l-ispiżjar*), marru xi tfal biex ibiegħulu xaħmet l-art ħaj. Għax dak iż-żmien kienu jbiegħuh lill-ispiżjar għall-ingwent. Hu bagħthom għand it-tabib Mawrin; . . Suppost għand l-ispiżjar." (*Tessie Vella, Sliema, anzjana, 26-4-1995*). *L-ingwent kien jintuża għas-saħħa tax-xagħar.*

**Żagħruna**

"Niftakar li ġol-ħanut tal-mastrudaxxa (għax aħna konna nagħmlu l-karrettuni) kellna mdendel flixkun mimli biż-żejt taż-żagħruna, u kien dejjem hemm. Konna nixtru l-fwied tal-mazzola u nħalluh xi jumejn – tlitt ijiem iqattar ġo żinġla, niġbruh u npoġġuh ġo flixkun. U konna, min jaqta' sebgħu jew iċarrat x'imkien, konna nagħmlu lilu. . . . Taf kemm kien tajjeb . . . !" (*Laurence Camilleri, Xewkija, 77 sena, 10-1-1996*).

"Iż-żagħrun, qisu mazzola, jeħdulu ż-żejt mill-fwied, għall-uġigħ tal-għadam, uġigħ tal-muskoli. Tal-mazzola ħamra tal-fond. Tagħmlu ġo borża tal-plastik, tħallih daqsxejn għax-xemx fuq il-bejt jew bitħa, ittaqqbu bil-labar tar-ras u tħallih iqattar f'bieqja tal-ħġieġ. Is-sajjieda ta' Marsaxlokk jemmnu ħafna bih . . . Ili nafu xi tletin sena. Joħroġ aktar minn disgħin fil-mija żejt mill-fwied . . . Kważi ma jibqa' xejn. . . . Dejjem jiskula . . . Jiġi ċar daqs il-kristall. Għall-uġigħ issaħħan naqra l-parti fejn tuġgħek jew toqgħod għax-xemx, issaħħan naqra u tidlek bih." (*Frans Farrugia, Għaxaq, 1-3-1995*).

**Sangisug**

"Il-papà kien jgħid li fi tfulitu kienu jinżlu l-biċċerija iġibu s-sangisugi.(*) Minħabba l-pressjoni . . . Ipoġġuhom wara għonqhom u jissikkawhom b'ċarruta. Dawk jieħdu d-demm tal-pressjoni jgħidu." (*Raġel ta' aktar minn 60 sena, 10-1-1996*). *(*) Sangisug huwa għamla ta' dudu tax-xmajjar u l-għadajjar ta' barra minn Malta, tawwali, jaqbad b'xoftu ma' ħalq l-annimali li jmorru jixorbu u jsoffilhom id-demm. Ġieli jsir qisu boċċa mimli bid-demm. F'Malta kienu jiġu ma' xufftejn barrin impurtati mill-Afrika ta' Fuq.*

"Jien naf sewwa fuq is-sangisugi. Il-papà tiegħi kien tabib fl-antik u kien iġib is-sangisugi mill-Italja. Kien iżommhom f'parti umda tal-ġnien, iżommhom ġo bombli kbar, minn dawk taċ-ċaqquf. Min kien ikollu l-pressjoni, . . . pressjoni qawwija. Kienu jiġu minn Malta kollha għalihom. Kien ibiegħ minnhom tgħidx kemm. Kienu jkunu qishom boċċa s-sangisugi . . . Mbagħad in-nies jagħmluhom fuq għonqhom . . . Il-mamà kienet iddurhom is-sangisug biex tara hemmx xi mejtin. Kienu jiġu minn kull parti n-nies. Il-papà tiegħi kien dilettant . . . Bejn iż-żewġ gwerer." (*Mara, Birkirkara, ta' 75 sena, 17-1-1996*).

"Ir-raġel tiegħi kont nisimgħu jgħid fuq missieru, . . . Fl-antik . . . Is-sangisugi tagħmilhom wara għonqok. Dawk kienu jġibuhom mill-ħalq tal-barrin kont nisimgħu jgħid. Kien jgħix barra minn Malta u kien iġibhom." (*Mara, Valletta, 17-1-1996*).

"Niftakar lin-nanna tgħid li n-nannu kellu puplesija u kienet tagħmillu d-dudu miegħu; sangisug. Għandi 68 sena. Il-mamà tiegħi kienet imrobbija man-nanna." (*Mara, ta' 68 sena, 14-9-2006*).

"Jien niftakar li n-nanna tiegħi kellha bħal puplesija. Għamlulha s-sangisugi u għaddielha. Xi ħamsa u sebgħin sena ilu." (*Mara, 14-9-2006*).

"Nisma' lin-nanna tgħid li għal xi uġigħ tal-widnejn kienu jagħmlu d-dudu . . . Sangisug, nismagħha tgħid . . . Biex jiġbed l-infezzjoni minn ġo widnejk . . . F'Ħal Qormi. Forsi fuq barra tal-widna." (*Raġel, 22-3-1995*).

"Niftakar li nannuwi kien ħa xi ċmajra u qabdu deni kbir f'rasu . . . Jgħajjat biss . . . Beda jgħajjat: 'Irridu s-sangisugi!'. Ġabulu żewġ sangisugi mill-biċċerija, qabbduhomlu ma' għonqu u, kif qabbadnihom, mill-ewwel raqad u spiċċalu kollox. Ftit qabel il-gwerra . . . Kienu jsibuhom f'ħalq il-barrin. (*Raġel, 22-3-1995*).

"Meta xi ħadd kien ikollu deni qawwi kienu jużaw is-sangisug, bħal dudu, u jagħmluh mal-ġilda ta' dak li jkun biex isofflu d-demm biex jinżillu d-deni." (*Mara, 15-3-1995*).

"F'Tuneż, kienet tgħid il-mamà, min ikollu pressjoni għolja kienu jużaw is-sangisug, ipoġġuhom fit-tazzi tal-fintusa fuq id-dahar sakemm is-sangisuga taqbad mal-ġilda u tibda tixrob dak id-demm." (*Mara, 17-8-1993*).

"U meta kien ikollok xi ferita kienu jagħmlu sangisug. Dak, ġeneralment, min kien irabbi l-barrin. Meta joħorġuhom biex jixorbu kienu jneħħuh mill-istonku tagħhom (*) u s-sangisug, niftakar, konna ntellgħuh

minn gol hawt minfejn jixorbu Fbarrin. Naghmluh go flixkun bFìlma. Cieli talbuhulna xi hadd. .. ' *(Mara, 20¬ 7-1993) C Ikunu mqabbdin m a xuftajn it-barrln meta jgibuhom minn barra u jaqghu ħl-vaska.)*

Ts-sangìsug. meta kien ikollna d-denì miġbur, kien jaghmilulna mtssìeri. Kien ikollna Fbarrin, u kien jaqlaghhulu minn tahl iisienu b'sebghu... Imbagħad kien ikollna d-demm miġmugh, ilium nghtdulhe tbenġile, mtssieri kien jaqlaghhulu minn halqu dirett, mhux jiġbru mill-ilma, ghax dawk kienu jiġu minn barra. . . u krf kien jaghmilulna ma' dik iFlaqta li kien ikollna, kien jibda jihxien, jihxien, jikber;. . kien isir daqs ballun. Imbaghad kien jaqbdu ujidfnu *(Mara anzjana, Haż-Żabbuġ, 20-7-1993)*

Sltta

"Fgħadam tas-siċċ ktenu jużawh xi ħaġa ghalFghajnejn." *(Frans Farwgia, Għaxaq, 1-3-1995).*

"Missieri kien jaghmel Fghadam tas-siċċa liż-żiemel . . . Co għajnu. Iż-żiemel kellu ghajnu tuġghu. Kien jaqla' frak milFghadma tas-siċċa, jagħmilha frak u jaghmilha fghajn iż-ziemel u ware fUt kien ifteqlu. Anki lin-naghaġ kien jagħmlilhom," (Mara, *1-3-1995).*

Ċurkett tal-qarnlta

"Jiena kelli qamita (*) fghajnejja meta kelli tmien snin u niftakar Iì ommi kienet tìbghatni ghand mars xiha, tqleghdni għarrkobtejja, tagħmilli ċ-ċurkett maFghatu fghajnejja (**) u kienet tghid: 'Marija minn haddejha ia Cesù għadda minn ħdejja, qal 'l ommu Marija: 'X'ghandek?' Qaltlu: 'Ghandi Fqamit fghajnejja.' Qalilha: 'Mur fxatt iFbaħar, hemm il-qamit jtftaqar. Hemm seba' mewġiet jissejhu seba' xmajriet. ..' Santa Barbara, nehhili din Fghamara. Santa Luċija tini d-dawl u d-dija. Santa Margerita nehhili Fghabra u Fqamita. Naqralek u nerġa' naqralek (***) sakemm imur Fgherq minn fik u ġoFbaħar immur narmik.' Kelli tmien snin. Iċ-ċurkett keltu Ffbssa biFqamita fuqu; . . . Iż-Żumeq." *(Mara, Żurrieq, 15-3-1995). C) Qamita hija manie 8-għajnajn magħrufa fil-rrtadiċina bħaia Pterygium. C*) Iċ-ċurkett kianu jwaħħlu mieghu kghatu ta' bebbuxu tal-baħar magħruf fix-xjenza bħaia Astraea rugosa. Dan wiehed mili-bebbux li jkollhom bħal ghatu biex jingħalqu go qoxrithom. L-għatu (operculum) ta'dan il-bebbuxu għandu forma tkJher qisha ghajn għalhekk jużawh fuq l-għajnajn. (***) Minfhk 'naqralek', normalment kulħadd jgħid 'nirqik u nerga nirqik. 'Riqi huwa t-att li bih tipprova tneħħi l-mard. Għal aktar dwar dan ara l-krtba tal-istess awtur Talb, brajbu u kiiem ir-riqi migbura minn fomm ìl-poplu* f 'L-lmnara'Nru.28 (2004) p.20-24.*

Hanżir l-art

"Missieri kellu l-artrite. Mar ghand ìt-tabìb taFhaxix (*) u dan qallu: 'Aqli ftrt ħanar Fart' U missieri qlih go taġen.(**) Għorok bih biż-żejt. Kien mariu l-uġigħ.' *(Laurence Camilleh, Xewkija, 15-3-1995). C) Waked lì juża l-ħxejjex medicinali. (**) Ghalkemm hawn qad juża s-singular ikħniażar kart Fdan ikkaż dejjem kienu jkunu fi grupp.*

"Jien naf ohra fuq iFhnteżer Fart. FiFgwerra minn kollox kellna; tiftakar, anke Fhżież.f*) Ta' tfal li konna, ghalFhżież kienu jghidulna 'aqbad ħanżir Fart, aqsmu minn-nofs.' Trfthu u joħroġlu qisu isfar u dellek fuq iFħżieża. Taf li kienet tmurt? . . . Tinxef... Tmur. . . Kemm issib hnieżer Fart, aqsam u deltek." *(Mara, San Ġtljan, 15-3-1995). C) Merda fil-ġilda libl-Ingliż nghidulha 'ringworm'.*

"Ghar-rumatiżmu hanżir Fart Taqlih ġoż-żejt u biż-żejt tieghu toghrok fejn ghandek ir-rumatiżmu jew artrite. U niftakar, darba wahda, missieri mar jidlikhom b'kollox . . BiFħanżir Fart b'koilox, u ghamiu ahmar aktar milli kienl" *(Laurence Camilleri, Xewkija, 10-1-1996).*

*Hemm bosta annlmall oħra (mlnbarra ħxejjex) Il jiddaħħlu ffFmediċina popolari. Ghal dawn Ikkonsulta Fktleb tahlstess awtur "Mediċina Popolari tat-tmgħoddl fff-Giqtfer Maltin" (2001), 281 paġni, Klabb Kotba Mattln /Mldsea books.*

@ Guido Lanfranco